# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 73/22/1 GM**

**Partit Nazzjonalista**

**v.**

**Awtorità tax-Xandir;**
**Public Broadcasting Services Limited (C13140);**
**Ministru Carmelo Abela, Ministru fl-Uffiċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, u permezz ta' digriet datat 18 ta' Awissu 2022 ġie ordnat illi l-kliem "Ministru Carmelo Abela, Ministru fl-Uffiċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku" jiġi sostitwit bil-kliem "Ministru Owen Bonnici, Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku";**
**L-Avukat tal-Istat**

1. Permezz ta' din l-azzjoni l-Partit Nazzjonalista qiegħed jilmenta li s-soċjetà Public Broadcasting Services Limited qed tikser b'mod lampanti l-obbligi tagħha naxxenti mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi konxjament qed tonqos milli tassigura

li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi jiġu ppreżentati bl-eżattezza dovuta u b'imparzjalità, u li xjentement qed toħloq żbilanċ eċċessiv kontra tiegħu permezz ta' manipulazzjoni partiġġana fit-twassil tal-informazzjoni mill-Gvern. Jilmenta wkoll li l-istess soċjetà qed toħnoq xjentement il-vuċi tiegħu jew tonqos milli tirraporta b'mod fidil il-ħsibijiet, politika, u l-iskrutinju politiku li huma neċessarji minn partit politiku fl-oppożizzjoni. Il-Partit Nazzjonalista jilmenta wkoll dwar l-agir tal-Awtorità tax-Xandir u jgħid li din ukoll qed tonqos mill-obbligi tagħha skont il-Kostituzzjoni billi (i) adottat prassi li taġixxi biss jew fil-maġġior parti fuq ilmenti mressqa minn terzi persuni u (ii) naqset milli taġixxi fi żmien qasir wara li l-PBS sfidat l-ordnijiet tagħha bi preġudizzju kontra tiegħu. Il-Partit Nazzjonalista jilmenta li huwa sofra ksur tad-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni, u sofra trattament diskriminatorju u wkoll ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, l-Awtorità' tax-Xandir naqset milli taqdi l-obbliġi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostutuzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tal-liċenzjat intimat, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrent, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, l-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti;
>
> 2. Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tiegħu, il-liċenzjat intimat naqas milli jaqdi l-obbliġi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostutuzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tiegħu, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrent, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa

dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, il-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti;
3. Tiddikjara li bl-aġir tal-liċenzjat intimat milli jottempra ruħu fil-ħin mal-ordni
tal-Awtorità' tax-Xandir skont l-ordni tagħha tal-14 ta' Mejju 2021, wara talba tal-Partit Nazzjonalista fil-15 ta' April 2021, kif ukoll ir-rimedju finali tal-Awtorità' tax-Xandir tat-8 ta' Lulju 2021 fejn imponiet biss penali fuq il-liċenzjat, bla ma tat rimedju effettiv għall-Partit rikorrent, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.
4. Tiddikjara li bl-aġir tal-liċenzjat intimat li aċċetta u xandar reklami tal-Budget 2022 imtella' mill-Gvern ta' Malta fil-break tal-Aħbarijiet, wara l-ordni tal-Awtorità' tax-Xandir biex il-partit rikorrent ikollu l-messaġġ tiegħu marbut mal-Budget 2022, miżjudin fuq dawk li kienu ġia skedati, bil-konsegwenza li l-istess messaġġ tar-rikorrent ġie infilsat bejn żewġ slots tal-gvern bil-għan li jinnewtralizza l-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.
5. Tiddikjara li bl-aġir tal-Awtorità tax-Xandir fejn naqset milli tirrimedja l-iżbilanċ fl-azzjoni tal-intimati, minkejja r-rimedju li hija ordnat dwar ir-reklamar tal-Budget 2022 fl-1 ta' Novembru 2021, wara l-ilment tal-Partit Nazzjonalista, ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.
6. Tiddikjara li l-aġir tal-intimati meta naqsu milli jassiguraw il-liberta' tal-espressjoni kif protett taħt l-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, meta ilmenti tar-rikorrent u l-messaġġ tiegħu jiġi mwassal b'mod effettiv skont l-istess ordnijiet tal-Awtorità', il-Partit Nazzjonalista sofra diskriminazzjoni bil-konsegwenza li ġew leżi id-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skont Artikolu 14, fl-imkien mal-Artikolu 10, tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
7. Tiddikjara li l-intimati naqsu milli jagħtu rimedju effetti lir-rikorrent bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrent kif protett taħt Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.
8. Konsegwentament, tordna lill-intimati sabiex jagħtu dak l-ispażju, b'ħin adegwat, fuq il-mezzi tax-xandir televiżiv sabiex ir-rikorrent iwassal il-messaġġ tiegħu b'mod liberu u mingħajr ebda manipulazzjoni mill-intimati, kif ukoll kull rimedju ieħor skont kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xierqa.
9. Tillikwida ammont ta` kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.
10. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.
11. Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u safejn huwa possibbli, tqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-vjolazzjoni."

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, li l-Partit Nazzjonalista m'eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih tant illi qiegħed jesperixxi diversi azzjonijiet, kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji f'daqqa, u li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-Partit Nazzjonalista huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda.

4. Il-Ministru Carmelo Abela, Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, eċċepixxa, *inter alia,* li mhuwiex il-leġittimu kontradittur, li huwa ma jistax u m'għandux jintrometti ruħu fl-operat u l-ħidma tal-Public Broadcasting Services Limited jew tal-Awtorità tax-Xandir u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu akkolti fil-konfront tiegħu u li t-talbiet tal-Partit Nazzjonalista fil-konfront tiegħu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. L-Awtorità tax-Xandir eċċepiet, *inter alia,* li wħud mill-ilmenti mressqa mill-Partit rikorrenti kellhom jiġu l-ewwel nett indirizzati bil-mezzi ordinarji disponibbli fil-liġi, li hija dejjem qdiet l-obbligi tagħha korrettement u skont il-liġi u fil-parametri tal-poter li tagħtiha l-liġi, li m'hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-Partit rikorrenti, li l-azzjoni dwar l-imparzjalità fix-xandir tispetta lill-Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha u mhux f'dik Kostituzzjonali, li mhuwiex minnu li kien hemm xi

manipulazzjoni minnha u li mhux minnu li hija ċaħdet lir-rikorrent mit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tiegħu u anzi hija tagħmel minn kollox biex tassigura li l-bilanċ fix-Xandir kif protett mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni jkun imħares.

6. Is-soċjetà Public Broadcasting Services Limited eċċepiet, *inter alia,* li r-rikors promotur huwa rritu u null għaliex qed jiġu esperiti tlett azzjonijiet distinti mill-istess attur, uħud ta' natura ordinarja u wħud ta' natura straordinarja, li r-rikors promotur huwa rritu u null stante li ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-attur ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih u li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

7. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Lulju 2022 ġie deċiz hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti :
> 1. Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara li l-Awtorità`, bi ksur tal-Art. 119 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 13 tal-Kap 350, naqset milli tassikura li tiġi miżmuma imparzjalità` xierqa dwar ħwejjeg ta' kontroversja politika jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti billi m'aġixxietx bi speditezza meta l-PBS għal żmien konsiderevoli naqset li tobdi l-ordni tagħha fil-każ tax-xandira dwar il-*flyover* indikata fir-rikors promotur, iżda tiċħadha fil-każ dwar il-baġit.
> 2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li bl-aġir tiegħu, il-PBS, bi ksur tal-Art. 119 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 13 tal-Kap 350, naqas milli jassikura li tiġi miżmuma imparzjalità` xierqa dwar ħwejjeg ta' kontroversja politika jew li jirreferixxu għal *policy* pubblika kurrenti billi sfida ordni tal-Awtorità` dwar ix-xandira dwar il-*flyover* indikata fir-rikors promotur.

3. Tilqa' in parte t-tielet talba billi tiddikjara li n-nuqqas tal-PBS li jottempera ruħu fil-ħin mal-ordni tal-Awtorità` tal-14 ta' Mejju 2021, u n-nuqqas t'azzjoni fil-pront tal-Awtorità`, jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif protett bl-Art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 41 tal-Kostituzzjoni.
4. Tiċħad ir-raba' talba.
5. Tiċħad il-ħames talba.
6. Tilqa' in parte s-sitt talba billi tiddikjara li l-PBS u l-Awtorità` kisru l-Art. 10 tal-Konvenzjoni u l-Art. 45 tal-Kostituzzjoni meta l-PBS m'obdietx tempestivament l-ordni tal-Awtorità` tal-14 ta' Mejju 2021 u l-Awtorità` meta ma ħaditx passi fil-pront.
7. Tiċħad is-seba' talba.
8. Tilqa' in parte t-tmien talba billi tordna li sunt adegwat u fidil ta' din is-sentenza jixxandar b'mod u f'ħin prominenti fl-aħbarijiet tat-8 p.m. fl-istazzjon televiżiv ta' TVM mhux iktar tard minn tmint ijiem mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.
9. Tilqa' in parte d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il talba billi tordna lill-Awtorità` u lill-PBS iħallsu €1,500 kull wieħed bħala danni mhux pekunjarji lir-rikorrent.
Spejjeż kwart għar-rikorrent u tliet kwarti għall-intimati."

8. L-Awtorità tax-Xandir ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-3 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha safejn ċaħdet it-talbiet tal-attur tħassarha mill-bqija u minflok tiċħad it-talbiet kollha attriċi fil-konfront tagħha.

9. Il-Partit Nazzjonalista ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-11 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tiċħad l-appell tal-Awtorità tax-Xandir, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari ta' leġittimu kontradittur tal-Ministru responsabbli mix-Xandir u tal-Avukat tal-Istat u wkoll billi tilqa' t-talbiet kollha tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

10. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell magħmul mill-Awtorità tax-Xandir flimkien m'appell inċidentali fis-17 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tiċħad l-appell tal-Awtorità tax-Xandir safejn dan jolqot il-kwistjoni dwar jekk huwa huwiex leġittimu kontradittur, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata safejn l-Ewwel Qorti ordnat li l-konvenuti jħallsu tliet kwarti mill-ispejjez u minflok tiddeċiedi li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas spejjeż u wkoll li m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

11. Il-Partit Nazzjonalista ppreżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat fid-19 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat bl-ispejjeż kontra tiegħu.

12. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-Parit Nazzjonalista fl-24 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

13. L-Awtorità tax-Xandir ippreżentat ir-risposta tagħha għall-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista fid-29 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li dan l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud.

14. Il-Ministru Owen Bonnici, Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, preżenta r-risposta tiegħu għall-appell preżentat mill-Awtorità tax-Xandir fit-2 ta' Settembru 2022 permezz ta' liema rrimetta ruħu għas-sentenza ta' din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-appell, b'dan illi ssottometta li m'għandu jiġi kkundannat iħallas l-ebda spejjeż relattivi għall-istess appell.

15. Il-Ministru Owen Bonnici, Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, preżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista fit-2 ta' Settembru 2022 permezz ta' liema ssottometta li dan l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

16. Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 ta' Settembru 2022 il-Ministru Owen Bonnici ddikjara li jaderixxi ruħu mal-appell tal-Avukat tal-Istat.

**Ikkonsidrat;**

## L-Appell Prinċipali tal-Awtorità tax-Xandir

### L-Ewwel Aggravju

17. Permezz ta’ dan l-aggravju l-Awtorità tax-Xandir targumenta li ma kien hemm ebda dewmien min-naħa tagħha u li anzi hija tat id-deċiżjoni tagħha fil-ħin filwaqt li rrispettat il-garanzija kollha tad-dritt ta’ smigħ xieraq, u żżid li hija ma kellha l-ebda setgħa li tmur oltre dawk id-direttivi li setgħu jħaffu l-process. Targumenta li l-ewwel direttiva u deċiżjoni datata 14 ta’ Mejju 2021 kienet rimedju adegwat biex il-Partit Nazzjonalista jkollu spazju biex iwassal il-messaġġ tiegħu u biex ma jkunx hemm xi forma oħra ta’ propaganda politika jew xort’oħra u ma hemm l-ebda lanjanza li x-xahar li ttieħed minnha biex tgħarbel il-każ u toħroġ direttiva fuq il-PBS ma kienx raġonevoli jew li r-rimedju ma kienx effettiv għaliex il-PBS naqset milli taderixxi ma’ din id-direttiva għal raġunijiet li ma jistgħux ikunu imputabbli lilha. Issostni li mill-provi jirriżulta li hija kienet bdiet proċedura kontra l-PBS fi żmien jumejn sabiex tassigura li tirrispetta d-direttivi tagħha u dan il-proċess, li nbeda fis-17 ta’ Mejju 2021 ħa xi seba’ ġimgħat biex jiġi deċiż. Issostni li minn qari tal-Artikoli 15 u 41 tal-Att dwar ix-Xandir huwa ċar li hija m’għandhiex is-setgħa sabiex tieħu azzjonijiet amministrattivi spedjenti mingħajr ma tissalvagwardja d-dritt ta’ smigħ xieraq u l-proċess amministrattiv, u għaliex ma jistax jingħad li ħadet żmien oltre dak li huwa raġonevoli fiċ-

ċirkostanzi.  Targumenta li hija ħadet dawk id-deċiżjonijiet neċessarji u għamlet dak kollu fil-poter tagħha biex taqdi l-funzjonijiet tagħha li żżomm imparzjalità xierqa skont kif irid l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni. Issostni li ġaladarba l-Ewwel Qorti ma sabitx xi nuqqas fil-liġi allura hija m'għandhiex tiġi mċanfra għaliex aġġixxiet entro l-parametri tal-liġi. Iżżid li s-sospensjoni kienet biżżejjed biex tassigura li ma jkunx hemm sitwazzjoni oħra fejn direttiva tal-Awtorità ma tiġix implimentata minnufih mill-PBS.

18. Il-Partit Nazzjonalista jwieġeb li mhuwiex minnu li huwa ma nvokax ir-responsabbilità tal-Awtorità tax-Xandir minħabba d-dewmien ta' żmien għaliex fil-paragrafu 21 tar-rikors promotur tiegħu argumenta li dan d-dewmien ħoloq *chilling effect* fuqu u fuq il-messaġġ tiegħu, u dan id-dewmien kien proprju l-pern ta' dak li wasslu biex iressaq din il-kawża. Iżżid li fuq din il-kwistjoni ngħatat xhieda estensiva mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, li kienet suġġetta għal kontro-eżami mill-avukat difensur tal-Awtorità appellanti, u li l-Awtorità appellanti kienet ingħatat żewġ seduti biex tressaq il-provi tagħha iżda din għażlet li ma tressaqx provi u għalhekk jekk l-Awtorità appellanti ma ressqitx provi dwar din il-kwistjoni din kienet għażla konxja tagħha.  Jargumenta li dan l-aggravju tal-Awtorità tax-Xandir huwa infondat għaliex l-azzjoni tal-Awtorità u d-direttivi tagħha għandhom ikunu effettivi biex tiġi assigurata l-imparzjalità u n-nuqqas tal-Awtorità li taqdi d-dmirijiet kostituzzjonali tagħha mhux

rifless mhux biss fiż-żmien li ħa l-proċess amministrattiv iżda wkoll fuq l-azzjoni sħiħa tagħha sabiex jingħata rimedju effettiv li jikkoreġi n-nuqqas ta' imparzjalità. Targumenta li l-għemil tal-Awtorità ma jitkejjilx biss bir-riga taż-żmien għaliex il-funzjonijiet u l-obbligi tagħha jmorru oltre dan, u mill-atti jirriżulta li l-Awtorità appellanti naqset milli tintervjeni tempestivament biex tipprevjeni li jkompli jinħoloq żbilanċ jew parzjalità u toffri rimedju effettiv skont il-funzjonijiet u s-setgħat mogħtija lilha mill-liġi. Iżżid li s-sospensjoni tal-multa mill-Awtorità appellanti ma setgħetx issir skont il-liġi peress li l-Artikolu 41(6) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Awtorità għandha tkun finali. Issostni li l-Awtorità tax-Xandir hija obbligata li turi snienha kontra kull abbuż u sfida lejn l-Awtorità tar-regolatur, filwaqt li l-effett tas-sospensjoni ħoloq dgħjufija tant li fi ftit tax-xhur il-PBS naqset milli tobdi l-ordni tal-Awtorità fuq id-direttiva tar-reklami dwar il-Budget.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

19. Dan l-aggravju jirrigwarda d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-Awtorità tax-Xandir m'aġġixxietx bi speditezza meta l-PBS naqset għal żmien konsiderevoli milli tobdi d-direttiva tagħha fir-rigward tax-xandira dwar il-*flyover.* Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-Awtorità appellanti li l-attur m'għamel l-ebda ilment dwar din il-kwistjoni u li kien biss fl-aħħar tal-kawża li qamet din il-kwistjoni. Fil-paragrafi 18, 20 u 21 l-

attur jagħmel diversi aċċenni għal dan in-nuqqas li kien qiegħed jallega li ġie kommess mill-Awtorità u saħansitra l-paragrafu 21 jinkludi ċar u tond bil-kliem "…in-nuqqas tal-Awtorità tax-Xandir li taġixxi fi żmien qasir wara l-isfida tal-istazzjon intimat ħoloq *chilling effect* fuq ir-rikorrenti u d-deputati tagħha bi preġudizzju fuq ir-rikorrenti…"

20. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wkoll żbaljat fil-mertu. Mhuwiex kontestat li fix-xandir dwar il-*flyover* il-PBS kienet ħatja li xandret intervista li skont l-Awtorità tax-Xandir "setgħet tat lok għal propaganda" fis-16 ta' April 2021. Minkejja li l-Awtorità tax-Xandir għandha obbligu li tissorvelja x-xandir fuq il-mezzi pubbliċi biex tiżgura adeżjoni mal-liġi, jirriżulta li kien biss wara li sar ilment mill-Partit Nazzjonalista dwar ix-xandir tal-*flyover* li l-Awtorità tax-Xandir bdiet tindaga fuq il-kwistjoni, u d-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir ingħatat xahar wara. Jirriżulta u mhuwiex kontestat li l-PBS naqset milli tobdi l-ordnijiet mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir sabiex jiġi rimedjat il-preġudizzju li kien sofra il-Partit Nazzjonalista. Għal darba oħra l-Awtorità tax-Xandir bdiet tindaga dwar dan in-nuqqas tal-PBS mhux *di sua sponte* iżda biss wara li sar ilment dwar dan mill-Partit Nazzjonalista. Din id-darba l-Awtorità tax-Xandir damet xahrejn biex tat id-deċiżjoni tagħha, liema deċiżjoni ngħatat fit-8 ta' Lulju 2021. Wara li rat l-atti l-Qorti tqis li ma jirriżultax li dan it-trapass ta' żmien kien ġustifikat. L-ewwel nett, il-fatt li l-Awtorità tax-Xandir daħlet fix-xena biss għaliex sar ilment mill-Partit Nazzjonalista diġà jimmilita ferm kontra tagħha għaliex

l-Awtorità tax-Xandir għandha obbligu Kostituzzjonali li tissorvelja x-xandir pubbliku u tiżgura li jkun hemm il-bilanċ u l-imparzjalità li teżiġi l-Kostituzzjoni. Għalhekk diġà m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-Awtorità tax-Xandir baqgħet tistenna li jsir ilment lilha sabiex taqdi d-doveri tagħha, partikolarment fir-rigward tan-nuqqas tal-PBS li tobdi d-direttivi tagħha. Inoltre l-Qorti tqis li ma jirriżultax li t-trapass ta' żmien sabiex ħarġu d-deċiżjonijiet in kwistjoni kien ġustifikat. L-indaġni li kellha tagħmel l-Awtorità kienet waħda ferm limitata u kienet tirrigwarda xandiriet speċifiċi li ġew identifikati lilha mill-Partit attur. F'dan ir-rigward hija kellha tisma' biss parti oħra, u ċjoè l-PBS, u mid-deċiżjoni li tinsab esebita a *fol.* 44 jirriżulta li kien hemm seduta waħda dwar din il-kwistjoni. Il-Qorti tosserva wkoll li skont ir-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.6 il-PBS kellha tingħata tlett ijiem sabiex tirrispondi għall-ilment magħmul mill-Partit Nazzjonalista, u għalhekk ma jirriżultax li kien minħabba l-obbligu li tisma' lill-parti l-oħra li l-proċess dam għaddej xahar. Jirriżulta li l-Awtorità tax-Xandir kienet damet tmint ijiem sħaħ sabiex tat id-deċiżjoni tagħha wara din is-seduta, deċiżjoni qasira ta' ftit aktar minn faċċata. Il-Qorti tosserva li fejn jidħol ix-xandir l-ispeditezza hija element kruċjali sabiex ikun jista' jiġi assigurat li jingħata rimedju li effettivament jindirizza l-iżbilanċ li jkun inħoloq, għaliex jekk dan l-iżbilanċ ma jiġix rettifikat f'ħin adegwat il-pubbliku jkun laħaq assorba u aċċetta l-informazzjoni kif preżentata lilu u għadda għal xi ħaġa oħra li tkun aktar kurrenti. Għalhekk l-effett ta' xandira li tirrettifika l-informazzjoni

żbilanċjata u propagandistika li tkun ingħatat lill-pubbliku jkun ferm limitat jekk din ma ssirx fi żmien tempestiv. Minħabba f'hekk l-Awtorità tax-Xandir kellha tieħu ħsieb li l-ilment tal-Partit Nazzjonalista jiġi trattat fl-inqas żmien possibbli. Il-fatt li bħala organu amministrattiv hija għandha l-obbligu li tmexxi l-proċeduri tagħha b'rispett lejn il-prinċipju tal-ġustizzja naturali mhuwiex skuża għal tkaxkir tas-saqajn. Din il-kwistjoni kienet limitata u mhux partikolarment komplessa u għalhekk ma jirriżultax li kienet teħtieġ xahar sabiex tiġi deċiża.

21. Anqas u anqas hemm ġustifikazzjoni għall-fatt li l-Awtorità tax-Xandir imbagħad damet xahrejn sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-ilment tal-Partit Nazzjonalista li l-PBS ma kinitx obdiet l-ordnijiet mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Mejju 2021. Din kienet kwistjoni ferm aktar sempliċi billi lanqas kien hemm il-ħtieġa li jsir xi eżami dwar jekk inżammx jew le l-bilanċ fix-xandir meħtieġ mill-Kostituzzjoni, iżda kienet tinvolvi biss aċċertament dwar jekk il-PBS kinitx obdiet jew le l-ordni tal-Awtorità tax-Xandir. Għalkemm huwa minnu dak li tgħid l-Awtorità tax-Xandir li l-PBS kellha tingħata ċans sabiex tirrispondi għall-ilment u tippreżenta l-posizzjoni tagħha, minn imkien ma jirriżulta għalfejn din il-proċedura kellha ddum id-doppju li damet l-ewwel waħda meta fl-aħħar mill-aħħar kienet tinvolvi kwistjoni terġa aktar sempliċi. Ikkonsidrat in-natura tax-xandir pubbliku kif diġà spejgat fil-paragrafu preċedenti, l-Awtorità tax-Xandir kellha turi diliġenza speċjali fit-trattament ta' din l-

isfida minn naħa tal-PBS. Huwa ċar li dan m'għamlitux, kemm għaliex stenniet li l-Partit Nazzjonalista iressaq ilment qabel ma bdiet tieħu passi kontra l-isfida diretta lejn l-Awtorità tagħha min-naħa tal-PBS u kemm ikkonsidrat l-ammont ta' ħin li damet sabiex tat deċiżjoni fuq dan mingħajr raġuni valida.

22. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat u qed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

23. Permezz ta' dan l-aggravju l-Awtorità tax-Xandir issostni li l-fatti ta' dan il-każ ma jissarfux fi ksur ta' dritt tal-libertà tal-espressjoni. Targumenta li minn mindu ġiet promulgata l-Kostituzzjoni ċ-ċirkostanzi nbidlu billi s-suq tax-xandir ġie lliberalizzat u l-Istat m'għandux aktar monopolju tax-xandir billi kulħadd, inkluż kull partit politiku, jista' jkollu l-istazzjon tiegħu. Tgħid għalhekk li s-sitwazzjoni hija ferm differenti minn dik fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Manole and others v. Moldova, għaliex filwaqt li f'dak il-każ l-Istat kien qiegħed iwaqqaf lil ġurnalisti milli jesprimu l-opinjoni politika tagħhom, dan il-każ jirrigwarda l-inadempjenza tal-PBS li xxandar is-sunt tad-deċiżjoni tal-Awtorità, liema sunt ġie eventwalment imxandar fid-19 ta' Lulju 2021 bl-involviment dirett

tal-Awtorità li saħansitra mponiet multa ta’ €4,660 li ġiet sospiża wara l-adempjenza tal-PBS mad-deċiżjoni tagħha.

24. Il-Partit Nazzjonalista jwieġeb li dan l-argument tal-Awtorità tax-Xandir huwa perikoluż u għandu jiġi skartat għaliex skont il-ġurisprudenza l-libertà tal-espressjoni tfisser ukoll li jkollox għażla dwar fejn tesprimi ruħek. Targumenta li d-definizzjoni ta’ pluraliżmu fix-xandir ma jfissirx biss li jista’ jkun hemm stazzjonijiet varji li jesprimu opinjonijiet varji iżda wkoll li x-xandir pubbliku ma jkunx monopolistiku u żbilanċjat u minflok jagħti vuċi lil terzi. Issostni li l-Awtorità appellanti għandha funzjoni dupliċi u ċjoè li tassigura d-dritt fondamentali tal-liberta tal-espressjoni u wkoll funzjoni organizzattiva mmirata lejn l-implimentazzjoni fil-prattika ta’ politika salutari tal-pluraliżmu fix-xandir, u l-Awtorità ma tistax teskludi l-operat tax-Xandir Pubbliku bl-iskuża li huwa għandu l-istazzjon tiegħu. Targumenta li mhuwiex minnu li l-prinċipji enunċjati fis-sentenza Manole and others v. Moldova mhumiex applikabbli għal dan il-każ, l-ewwel nett għaliex il-prinċipju jibqa’ l-istess minkejja li l-fatti huma differenti u t-tieni nett peress li t-TVM bħala l-istazzjon pubbliku huwa d-*dominant broadcaster* fil-pajjiż. Targumenta li x-xandir tas-sunt tad-deċiżjoni tal-Awtorità tliet xhur wara li xxandar is-servizz dwar il-*flyover* u xahrejn wara l-ordni tal-istess Awtorità kellu *chilling effect* fuqu kkonsidrat li fil-qasam tax-xandir aħbar tidfen oħra u għalhekk kien jispetta lill-Awtorità tax-Xandir li taġixxi b’mod spedit fl-interess li tikkoreġi l-iżbilanċ.

25. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-ilment ewlieni – għalkemm mhux waħdieni – tar-rikorrent huwa l-ksur tad-dritt tiegħu tal-espressjoni. Dritt li jappartjeni kemm lil persuni naturali kif ukoll legali.12 Dritt li kien fost l-ewwel li kien rikonoxxut bħala fundamentali għall-bniedem bil-kitbiet ta' illuministi bħal Voltaire u Didorot. Fil-fatt Diderot kien ippersegwitat u anke mixħut il-ħabs għall-fehmiet tiegħu; u bosta mill-kitbiet tiegħu iċċensurati u ppubblikati biss wara mewtu. Id-dritt tal-espressjoni kien inkluż fid-*Declaration des droits de l'homme et du citoyen* ippromulgata fl-1789 mill-Assembleja Nazzjonali ta' Franza, li fiha l-komunikazzjoni ħielsa tal-ħsieb u tal-opinjonijiet ġiet deskritta bħala *"un des droits les plus precieux de l'Homme".* Hekk ukoll proprju fl-ewwel emenda għall-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka, ġie mniżżel li "*Congress shall make no law… abridging the freedom of speech, or of the press*". Il-Qorti Ewropea qalet li "*freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfillment*".
>
> Il-pluraliżmu huwa fattur importanti tal-jedd tal-espressjoni. L-Istat mhux biss għandu l-obbligazzjoni negattiva li ma jindaħalx u ma joħnoqx id-dritt tal-espressjoni, imma saħansitra għandu wkoll obbligazzjoni pożittiva sabiex joħloq qafas leġiżlattiv u amministrattiv biex jiggarantixxi pluraliżmu effettiv, sabiex id-dritt tal-espressjoni ma jiġix miksur anke minn persuni privati. Fejn l-Istat innifsu jwaqqaf servizz ta' xandir pubbliku, partikolarment meta huwa l-parteċipant dominanti, l-Istat irid jassigura li jipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni imparzjali u preċiża u firxa ta' opinjoni u kummenti, li jirriflettu d-diversita` tal-fehmiet politiċi fil-pajjiż.
>
> Fil-każ ta' **Manole v Moldova**, TRM, proprjeta` tal-Istat, kien l-iktar stazzjon tat-televiżjoni segwit fil-Moldova. Ma kellhiex monopolju għaliex kien hemm stazzjonijiet privati. L-impjegati tiegħu ħarġu fuq strajk jilmentaw li kien hemm indħil politiku fir-rappurtaġġ tal-aħbarijiet u ġew iddixxiplinati. Il-Qorti ta' Strasburgu sabet li kien hemm ksur tal-Art. 10 tal-Konvenzjoni.
>
> F'Malta, l-Istat ukoll għandu l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni tiegħu. Hemm ukoll għadd ta' stazzjonijiet privati. Barra minn hekk, iż-żewġ partiti ewlenin, wieħed minnhom ir-rikorrent, għandhom l-istazzjonijiet rispettivi tagħhom. B'danakollu, l-istazzjon tal-Istat għandu l-ikbar udjenza li tilħaq il-massimu tagħha fil-ħin tal-aħbarijiet. Permezz tal-aħħar eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità` ssostni li l-kwistjoni tal-bilanċ fix-xandir hija separata u distinta mit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li jibqgħu mhux mittiefsa rrispettivament

jekk ikunx hemm bilanċ jew żbilanċ fix-xandir. Il-Qorti taqbel li ż-żewġ elementi huma kunċettwalment differenti, iżda ma tistax tissottoskrivi għad-deduzzjoni li l-ksur tal-ewwel ma jsarrafx fil-ksur tat-tieni **meta l-iżbilanċ joħolqu l-Istat innfisu.** Dan il-Qorti mhix qed taffermah fuq l-Awtorità` tagħha nnifisha, imma fuq dik tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea, li, kif ġja` ngħad, għarfu li meta l-Istat ikollu l-istazzjon tiegħu, l-iżbilanċ jikser id-dritt tal-espressjoni. Id-dmir taż-żamma tal-bilanċ mhux għan fih innifsu, imma jiskatta mid-dmir tal-Istat li ma joħnoqx l-għejun ta' komunikazzjoni ta' fehmiet – speċjalment fehmiet li ma jaqblux ma' tiegħu stess. Il-liberta` tal-espressjoni ma tapplikax biss għall-kontenut imma wkoll għall-mezzi ta' komunikazzjoni għaliex jekk toħnoq tal-aħħar tkun qiegħed toħnoq tal-ewwel. F'ċertu sens, il-Qorti ta' Strasburgu tagħraf dak li għallem Marshall McLuhan li "the medium is the message."

Hemm aspett ieħor li jrid jiġi kkunsidrat. Dak li qiegħed jitlob li jeżerċita r-rikorrent mhuwiex sempliċiment li jitħalla', b'mod ġenerali, jsemma' leħnu bħalma jsemma' leħnu l-Gvern. Qiegħed jitlob xi ħaġa iktar: li jingħata d-dritt li jwieġeb għal dak li jgħid il-Gvern; ir-*right of reply.* Dritt li l-Istat għandu jħares bħala parti mill-obbligu pożittiv tiegħu, kif il-Qorti diġa` spjegat: *"The Court is of the opinion that a legal obligation to publish a rectification or a reply may be seen as a normal element of the legal framework governing the exercise of the freedom of expression by the print media. It cannot, as such, be regarded as excessive or unreasonable. This flows from the need not only to be able to contest untruthful information, but also to ensure a plurality of opinions, especially on matters of general interest such as literary and political debate*". Jekk l-Istat għandu l-obbligu pożittiv, skont l-Art. 10 tal-Konvenzjoni, li joħloq il-qafas leġislattiv biex jingħata r-*right of reply* bejn persuna 18is sir u oħra, iktar u iktar għandu dan l-obbligu meta r-*right of reply* ikun eżerċitat kontra l-Istat jew l-organi tiegħu.

F'dan l-istadju, din il-Qorti ma tistax ma tgħaddix kumment ta' natura ġenerali, f'tentattiv – anke jekk jibqa' biss leħen solitarju fid-deżert – sabiex id-dritt tal-espressjoni ma jkomplix jiġi kkalpestat. Donnha saret konvenzjoni mhux miktuba li fil-politika Maltija, *the winner takes all.* Ir-rebbieħ juża' l-*power of incumbency* sal-limitu tagħha, inkluż il-mezzi tax-xandir. It-tellief joqgħod jitkaża u kultant jipprotesta, anke permezz tal-Qrati. Imbagħad meta l-folja tinqaleb it-tellief, issa rebbieħ, jaqa' fil-każa billi jabbuża hu stess. U hekk l-istorja tirrepeti ruħha. Hemm bżonn li din il-logħba tal-qattus u l-ġurdien tinqata' darb'għal dejjem."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

26. Dan l-aggravju huwa effettivament ibbażat fuq żewġ binarji u ċjoè (i) kull partit politiku jista' jwaqqaf l-istazzjon tiegħu u għalhekk ir-realtà kurrenti fil-pajjiż inbidlet minn mindu ġiet ippromulgata l-Kostituzzjoni peress li hemm pluraliżmu fil-media rrispettivament minn x'jiġri fuq ix-xandir pubbliku, u (ii)li s-sunt tad-deċiżjoni tagħha dwar il-kwistjoni tal-*flyover* kien ġie mxandar mill-PBS fid-19 ta' Lulju 2021 bl-involviment tagħha u hija kienet ukoll imponiet multa ta' €4,660 u għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fondamentali minn naħa tagħha.

27. Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma taqbilx mal-Awtorità appellanti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Manole and others v. Moldova** deċiża fis-17 ta' Settembru 2009. Għalkemm huwa minnu li l-fatti huma differenti huwa ċar li f'dik is-sentenza l-Qorti Ewropea enunċjat prinċipji ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward tal-pluraliżmu fuq ix-xandir pubbliku, kif jidher mis-silta li qed tiġi riprodotta hawn taħt:

> *"99. Genuine, effective exercise of freedom of expression does not depend merely on the State's duty not to interfere, but may require it to take positive measures of protection, through its law or practice (see, for example, Özgür Gündem v. Turkey, no. 23144/93, §§ 42-46, ECHR 2000-III; Fuentes Bobo v. Spain, no. 39293/98, § 38, 29 February 2000; Appleby and Others v. the United Kingdom, no. 44306/98, §§ 39-40, ECHR 2003-VI). Given the importance of what is at stake under Article 10, the State must be the ultimate guarantor of pluralism (see Informationsverein Lentia and Others, cited above, § 38; VGT Verein gegen Tierfabriken, cited above, §§ 44-47).*
> *[…]*
> *101. Where a State does decide to create a public broadcasting system, it follows from the principles outlined above that domestic law*

*and practice must guarantee that the system provides a pluralistic service. Particularly where private stations are still too weak to offer a genuine alternative and the public or State organisation is therefore the sole or the dominant broadcaster within a country or region, it is indispensable for the proper functioning of democracy that it transmits impartial, independent and balanced news, information and comment and in addition provides a forum for public discussion in which as broad a spectrum as possible of views and opinions can be expressed.*

*102. In this connection, the standards relating to public service broadcasting which have been agreed by the Contracting States through the Committee of Ministers of the Council of Europe (see paragraphs 51-54 above) provide guidance as to the approach which should be taken to interpreting Article 10 in this field. The Court notes that in "Resolution No. 1 on The Future of Public Service Broadcasting" (1994), the participating States undertook "to guarantee the independence of public service broadcasters against political and economic interference". Furthermore, in the Appendix to Recommendation no. R(96)10 on "The Guarantee of the Independence of Public Service Broadcasting" (1996), the Committee of Ministers adopted a number of detailed guidelines aimed at ensuring the independence of public service broadcasters. These included the recommendation that "the legal framework governing public service broadcasting organisations should clearly stipulate their editorial independence and institutional autonomy", with reference in particular to a number of key areas of activity, including the editing and presentation of news and current affairs programmes and the recruitment, employment and management of staff. The Guidelines also emphasised that the rules governing the status and appointment of the members of the boards of management and the supervisory bodies of public service broadcasters should be defined in a way which avoids any risk of political or other interference. They provided in addition that:*

*"**The legal framework governing public service broadcasting organisations should clearly stipulate that they shall ensure that news programmes fairly present facts and events and encourage the free formation of opinions.***

*The cases in which public service broadcasting organisations may be compelled to broadcast official messages, declarations or communications, or to report on the acts or decisions of public authorities, or to grant airtime to such authorities, should be confined to exceptional circumstances expressly laid down in laws or regulations. ..."*

*[…]*

*107. As set out above (paragraphs 94-101), a positive obligation arises under Article 10. The State, as the ultimate guarantor of pluralism, must ensure, through its law and practice, that the public has access through television and radio to impartial and accurate information and a range of opinion and comment, reflecting inter alia the diversity of political outlook within the country and that*

> *journalists and other professionals working in the audiovisual media are not prevented from imparting this information and comment.* ***Where the State decides to create a public broadcasting system, the domestic law and practice must guarantee that the system provides a pluralistic audiovisual service.*** *In this connection, the standards relating to public service broadcasting which have been agreed by the Contracting States through the Committee of Ministers of the Council of Europe provide guidance as to the approach which should be taken to interpreting Article 10 in this field."* [enfażi ta' din il-Qorti]

28. Lanqas ma huwa korrett l-argument tal-Awtorità tax-Xandir li ladarba kull partit politiku jista' jkollu l-istazzjon tax-xandir tiegħu jfisser li l-imparzjalità meħtieġa mill-Kostituzzjoni m'għadhiex aktar applikabbli. Din il-ħtieġa ta' imparzjalità fuq il-mezzi tax-xandir mhijiex limitata biss għal sitwazzjoni ta' monopolju kif qed issostni l-Awtorità appellanti. Fil-fatt minn qari tal-Artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni jirriżulta b'mod ċar li din il-ħtieġa ta' imparzjalità fix-xandir tapplika fir-rigward ta' kull servizz ta' xandir provdut f'Malta, kemm pubbliċi u kemm privati, u mingħajr limitazzjoni, kif jidher mit-test ta' dan l-artikolu:

> "Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti."

29. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għal xi konklużjoni differenti minħabba li llum il-ġurnata huwa possibli għal kull partit politiku li jkollu stazzjon tax-xandir tiegħu kif targumenta l-Awtorità appellanti. L-obbligu ta' imparzjalità fix-xandir impost mill-Kostituzzjoni għadu applikabbli sal-lum il-ġurnata u japplika fir-rigward ta' kull stazzjon u

servizz tax-xandir. Għalhekk din il-parti tat-tieni aggravju tal-Awtorità tax-Xandir hija infondata.

30. Fir-rigward tal-argument tal-Awtorità tax-Xandir li s-sunt tad-deċiżjoni tagħha kien ġie mxandar mill-PBS bl-involviment tagħha u wara l-impożizzjoni ta' multa ta' €4,660, il-Qorti tibda billi tosserva li kif diġà ġie kkonsidrat l-Awtorità tax-Xandir ma qdietx kif trid il-liġi l-obbligi Kostituzzjonali tagħha u dan billi mhux biss naqset milli tissorvelja u tieħu azzjoni *proprio motu* kontra l-ksur tal-liġi in kwistjoni iżda talli damet żmien irraġonevoli sabiex tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-*flyover,* b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna r-rifjut tal-PBS li tobdi l-ordnijiet mogħtija mill-Awtorità. Għaldaqstant l-involviment tagħha fil-kwistjoni mhijiex biżżejjed biex tassolviha mir-responsabbilità f'din il-kawża, u l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li bin-nuqqas tagħha li taġixxi b'mod spedit fir-rigward tal-kwistjoni tal-*flyover* l-Awtorità tax-Xandir kienet responsabbli għal-leżjoni ta' dritt fondamentali għal-libertà tal-espressjoni sofferta mill-Partit Nazzjonalista. Dan għaliex b'dan in-nuqqas l-Awtorità tax-Xandir kienet inadempjenti fl-obbligu pożittiv tagħha li tieħu dawk il-passi neċessarji sabiex tiġi ssalvagwardjata l-liberta tal-espressjoni tal-attur. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li ladarba skont l-Artikolu 41(6) tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta id-deċiżjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir huma finali, meta l-istess Awtorità għażlet li tissospendi l-multa li kienet imponiet fuq il-PBS hija kienet qed taġixxi

kontra l-liġi, fatt li jkompli jaggrava r-responsabbilità tagħha fir-rigward tal-ilmenti tal-Partit attur.

31. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tielet Aggravju**

32. Permezz ta' dan l-aggravju l-Awtorità tax-Xandir tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li hija tista' tirrispondi għan-nuqqasijiet tal-Istat. Targumenta li hija korp legali indipendenti u separat mill-Istat li hu rappreżentat mill-Avukat tal-Istat u hija m'għandhiex tirrispondi għan-nuqqasijiet tal-Istat meta ma tkun għamlet xejn li jirrendiha parteċipi għal dak in-nuqqas. Tgħid li fil-każ preżenti hi aġġixxiet biex tindirizza l-iżbilanċ li nħoloq u kwalsiasi nuqqas kien tal-PBS, tal-Ministru responsabbli u tal-Istat biss. Targumenta inoltre li l-imparzjalità fix-Xandir ma tistax tiġi ekwiparata ma' xi limitazzjoni fil-libertà u d-dritt ta' espressjoni għaliex il-libertà tal-Partit Nazzjonalista li jxandar dak li jrid fuq l-istazzjonijiet tiegħu bl-ebda mod ma ġiet limitata jew manomessa. Iżżid li l-imparzjalità meħtieġa mill-Kostituzzjoni f'sitwazzjoni ta' monopolju mill-Istat fil-qasam tax-xandir għandha bilfors tinbidel fejn ikun hemm sitwazzjoni pluralistika fix-xandir għaliex dan il-

pluraliżmu jeskludi kull limitazzjoni għad-dritt tal-espressjoni b’mod li kull partit għandu l-mezz biex iwassal il-messaġġ tiegħu lill-pubbliku.

33. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li ladarba l-Awtorità tax-Xandir hija mwaqqfa mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u għandha l-funzjoni li tiżgura safejn ikun possibbli li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta’ kontroversja politika, u ladarba skont il-liġi l-istess Awtorità hija korp magħqud b’personalità legali distinta allura skont l-Artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta din l-azzjoni tista’ tiġi diretta kontra tagħha b’mod illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f’din l-azzjoni. Jargumenta li l-ebda prova prodotta in atti ma wriet li huwa kellu xi involviment f’dak allegat mill-Partit Nazzjonalista u għalhekk huwa qatt ma kellu jiġi mħarrek f’dawn il-proċeduri.

34. Il-Partit Nazzjonalista ma ressaq l-ebda argument in risposta għal dan l-aggravju, iżda fl-appell inċidentali tiegħu ressaq aggravju li in parte jirrigwarda r-responsabbilità tal-Avukat tal-Istat, Il-Qorti sejra għalhekk tqis it-tielet aggravju tal-Avukat tal-Istat safejn jirrigwarda l-Avukat tal-Istat flimkien ma’ dan l-aggravju tal-Awtorità tax-Xandir ladarba jitrattaw l-istess punt. Il-Partit Nazzjonalista jargumenta li ladarba l-Avukat tal-Istat għandu obbligu li jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat huwa għandu wkoll l-obbligu li f’każ ta’ eżitu pożittiv

għal Partit Nazzjonalista jiggarantixxi l-legalità tal-azzjoni tal-Istat wara l-kawża u jassigura li r-rimedju mogħti mill-Qorti jiġi mplimentat mill-Istat.

35. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li dan l-aggravju tal-Partit Nazzjonalista huwa manifestament infondat għaliex is-setgħat mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma jfissru li huwa għandu jiġi mħarrek f'kull kawża, partikolarment ikkonsidrat dak li jipprovdi l-Artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

36. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li mhux leġittimu kontradittur. Dwar dan jelabora fit-tul ħafna fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Isostni li l-Awtorità` hija mwaqqfa b'Art. 118 tal-Kostituzzjoni ; hija awtonoma ; mhix soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew Awtorità` oħra u għandha d-dmir espliċitu li tassigura l-imparzjalità` fix-xandir pubbliku. Huwa ma kellu l-ebda rwol fl-aġir allegat mill-esponent ; tant li l-ebda talba mhi indirizzata lejh. L-Istat ma kellu l-ebda involviment. Lanqas jista' jipprovdi rimedju għal dak mitlub. Irrikorrent mhux qed jilmenta minn xi liġi li tikser il-Kostituzzjoni jew id-drittijiet fundamentali. Lanqas hu rilevanti l-Art. 91A(3) tal-Kostituzzjoni li jiddefenixxi r-rwol tal-Avukat tal-Istat. Skont Art. 181B(2) tal-Kap 12, l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'azzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi kap jew ieħor tad-dipartimenti l-oħrajn tal-Gvern. Similment jiddisponi l-Art. 2(1)(2) tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603). Fl-aħħarnett jiċċita għadd ta' sentenzi kontra l-Awtorità` li fihom l-Avukat tal-Istat ma ġiex imħarrek jew li minnhom jirriżulta li l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimarju passiv f'kawżi ta' din ix-xorta.
>
> Il-Qorti taqbel li l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur, għalkemm ma taqbilx li l-Istat ma jirrispondix jekk ikun hemm ksur tal-liġi ordinarja, tal-Kostituzzjoni, jew tal-Konvenzjoni. B'danakollu l-Istat mhuwiex rappreżentat, f'dan il-każ u f'din l-eventwalita`, mill-Avukat tal-Istat iżda mill-Awtorità` tax-Xandir. Din l-eċċezzjoni hija għalhekk waħda valida."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

37. Il-Qorti tqis li l-aggravju tal-Awtorità tax-Xandir huwa infondat. Fir-rigward tal-argumenti magħmula mill-Awtorità tax-Xandir dwar il-fatt li skont hi m'għadx hemm obbligu li tinżamm imparzjalità fix-xandir, il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fir-rigward tat-tieni aggravju fejn sabet illi dan l-argument huwa manifestament żbaljat. Fir-rigward tal-argument mbagħad li l-Awtorità tax-Xandir m'għamlet xejn li jirrendiha parteċipi għan-nuqqasijiet kommessi mill-Istat, il-Qorti tirrileva li kif diġà ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, l-Awtorità tax-Xandir naqset milli twettaq l-obbligu pożittiv tagħha li tissalvagwardja d-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-Partit Nazzjonalista billi naqset milli tissorvelja x-xandir u l-aġir tal-PBS kif meħtieġ minnha bil-liġi stess u billi damet żmien irraġonevoli sabiex tat rimedju għal dak li kienet għamlet il-PBS li kien kontra l-liġi u bi preġudizzju kontra l-Partit Nazzjonalista. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jiġi miċħud.

38. Il-Qorti tqis li anke l-aggravju tal-Partit Nazzjonalista huwa infondat. L-argument tal-Partit Nazzjonalista huwa li ladarba l-liġi timponi fuq l-Avukat tal-Istat l-obbligu li jassigura l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat allura l-Avukat tal-Istat għandu jkun parti minn din il-kawża għaliex għandu jassigura li r-rimedju ordnat mill-Qorti jiġi implimentat mill-Istat. Dan l-

argument però huwa żbaljat. Permezz tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-liġi espressament tiddisponi meta l-Avukat tal-Istat huwa leġittimu kontradittur f'kawża, u ċjoè meta minħabba n-natura tat-talba l-kawża ma tkunx tista' tiġi diretta kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Għalhekk l-Artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi nterpretat bil-mod li qiegħed jinterpretah il-Partit Nazzjonalista, għaliex li kieku dan ikun iġib fix-xejn ir-regola speċjali li tipprovdi espressament meta l-Avukat tal-Istat jista' jkun leġittimament intimat f'kawża. Għaldaqstant l-aggravju tal-Partit Nazzjonalista qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**L-Appell Inċidentali tal-Partit Nazzjonalista**

**L-Ewwel Aggravju**

39. Il-Partit Nazzjonalista jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li huwa ma kienx għamel ilment ulterjuri għal wieħed marbut mar-reklami tal-Budget skont il-proċedura stabbilita fil-Liġi Sussidjarja 350.06. Skont il-Partit Nazzjonalista l-PBS u l-Awtorità tax-Xandir naqsu mill-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tar-reklamar tal-*Budget* tal-2022 u r-rimedju mogħti f'dak ir-rigward. Isostni li kif ikkonstatat l-Ewwel Qorti stess, il-PBS kienet tat lil Partit Nazzjonalista anqas ħin minn dak

allokat mill-Awtorità tax-Xandir u naqset milli tobdi d-direttivi tal-istess Awtorità, u li huwa kien baqa' jilmenta mal-Awtorità dwar l-insubordinazzjoni tal-PBS. Jgħid li huwa talab għall-informazzjoni mill-Awtorità tax-Xandir sabiex ikun jista' jsaħħaħ l-ilment tiegħu iżda minflok ma ndagat u ġabret informazzjoni l-Awtorità tax-Xandir irreferiet sabiex iġib l-informazzjoni mitluba mingħand il-PBS wara li erronjament iddikjarat li mhijiex l-istituzzjoni kompetenti sabiex tottjeni din l-informazzjoni. Isostni li dan il-"ħasil tal-idejn" kien bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta. Targumenta li fuq il-kwistjoni tal-Flyover l-Awtorità tax-Xandir mhux talli ma offrietx rimedju effettiv iżda talli bl-aġir tal-PBS ingħata rimedju xieraq, effettiv u effikaċi lil Gvern u dan kontra kull spirtu tal-ordni mogħti mill-Awtorità fl-1 ta' Novembru 2021, filwaqt li l-Awtorità ddikjarat li r-rimedju kien suffiċjenti mingħajr ma nvestigat minn jeddha u applikat formaliżmi inutili li tellfu biss iż-żmien. Jgħid li għalhekk kull rimedju ordinarju ieħor ma kien joffri ebda rimedju reali għaliex l-impatt aggressiv tal-messaġġ tal-Gvern laħaq l-iskop tiegħu u ħoloq *chilling effect* qawwi kontra l-Partit Nazzjonalista, bil-konsegwenza li ebda rimedju ma kien ser ikun wieħed xieraq, effettiv u effikaċi.

40. L-Awtorità tax-Xandir twieġeb li fl-inċident l-ieħor ta' xandira propagandistika hija kienet bdiet tipproċedi kontra l-PBS fi żmien tlett ijiem meta kien evidenti li l-PBS ma kinitx ser tobdi d-direttiva tagħha.

Tgħid illi fil-każ odjern jirriżulta li hija kienet ħadet konjizzjoni tal-implimentazzjoni tad-direttiva tagħha u mill-investigazzjoni rriżulta li l-PBS kienet esegwiet id-direttiva tagħha *ad letteram* u r-reklami politiċi tal-Partit Nazzjonalista kienu xxandru mill-PBS fid-dati u skont l-iskeda maqbula bejn l-Awtorità u l-Partit Nazzjonalista.

41. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Wara li l-Awtorità` mponiet direttiva fuq il-PBS biex ixxandar *spots* tar-rikorrent sabiex jiġi bbilanċjat il-miżien, il-PBS mhux biss tat lir-rikorrent ħin inqas minn dak allokat mill-Awtorità`. Għal darb'oħra l-PBS naqset milli tobdi d-direttivi tal-Awtorità` tax-Xandir.
>
> Il-PBS irduppjat ir-riklamar tal-Gvern fil-brejk tal-aħbarijiet tat-8 p.m., billi flok wieħed għamlet tnejn, u tefgħet l-i*spots* tar-rikorrent f'nofshom. Ir-rikorrenti jsostni li dan kien sforz biex il-vuċi dissidenti tar-rikorrent tindifen kemm jista' jkun. L-Awtorità` ma dehrilhiex li kellha tieħu passi dwar dan, peress illi dawn l-i*spots* ulterjuri kienu limitati għal dawk li l-Awtorità` kienet diġa` sabet li kienu ta' natura informattiva u mhux ta' xeħta politika ; u peress ukoll li r-rikorrent m'għamilx ilment ulterjuri dwarhom skont il-proċedura stabbilita f' L.S. 350.06.
>
> **Eżawriment tar-rimedji ordinarji :**
>
> Fil-każ tal-baġit, ir-rikorrent naqas li jilmenta mal-Awtorità skont ma tipprovdi l-liġi (Legislazzjoni Sussidjarja 350.06), għalkemm ipprotesta xorta waħda informalment. Kif inhu sewwa magħruf, din il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgha jekk tismax ilmenti ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali meta jkun hemm rimedji oħrajn disponibbli. Diskrezzjoni li għandha tuża' bil-bon sens u mhux b'xi mod arbitrarju jew kapriċċuż. Fil-każ tal-baġit, il-Qorti tqis li kellu jiġi adoperat ir-rimedju ta' protest formali quddiem l-Awtorità` ; għaliex din hija l-organu kostituzzjonali attrezzat apposta biex jindirizza ksur ta' imparzjalità` fix-xandir u biex tagħti rimedju xieraq u fil-waqt. Din il-Qorti mhix l-organu kostituzzjonali kompetenti fil-qasam tar-regolament tax-Xandir u qajla hu opportun li tiġi adita hi minflok l-organu kostituzzjonali appożitu."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

42. Wara li rat l-atti din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Mill-atti jirriżulta li l-Partit Nazzjonalista kien bagħat ittra datata 13 ta' Jannar 2022 lill-Awtorità tax-Xandir fejn ilmenta li l-PBS u l-Gvern kienu ġabu fix-xejn l-ordni mogħti minnha billi żiedu r-reklamar tal-Gvern fil-ħinijiet tar-reklamar tal-Partit Nazzjonalista li kien ġie ordnat mill-Awtorità tax-Xandir. Għalkemm huwa minnu li l-forma ta' dan l-ilment ma kinitx tosserva fedelment dak provdut mir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.6 peress li ma ġiex indirizzat lill-PBS dan ma jfissirx li l-Awtorità tax-Xandir kienet ġustifikata meta ħaslet idejha minn din il-kwistjoni. Wara kollox, skont il-Kostituzzjoni l-Awtorità tax-Xandir hija l-gwardjana tal-imparzjalità fuq il-mezzi tax-xandir u għandha s-setgħa u d-dmir li taġixxi anke *ex officio* sabiex tiżgura li l-Kostituzzjoni tiġi osservata u rispettata. Inoltre, huwa relevanti wkoll li meta l-Partit Nazzjonalista ressaq dan l-ilment tiegħu fit-13 ta' Jannar 2022 kienu diġà għaddew aktar minn xahrejn mid-deċiżjoni tagħha u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kien hemm ċertu urġenza li l-Awtorità tindaga u tara li l-ordni li kienet tat xahrejn qabel kien qiegħed jiġi obdut. Dan partikolarment ikkonsidrat li (i) diġà kien hemm preċedent proprju fl-istess sena fejn il-PBS injorat b'mod flagranti l-ordni tal-Awtorità u l-Awtorità kellha tintervjeni sabiex il-PBS tobdi l-ordni tagħha u (ii) f'dak il-punt kienet qed toqrob l-elezzjoni u għalhekk kien aktar u aktar imperattiv li l-Awtorità

tassigura li l-partiti politiċi jitpoġġew *pari passu* fuq il-mezzi tax-xandir kif teżiġi l-Kostituzzjoni. Għalhekk mhux biss l-Awtorità kellha s-setgħa li taqbad u tinvestiga *proprio motu* dan in-nuqqas skont il-Kostituzzjoni iżda talli skont ir-regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.6 kellha s-setgħa li " tiddispensa mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi hekk kif tista' tiddeċiedi" inkluż allura l-ħtieġa li l-Partit Nazzjonalista jindirizza l-ilment tiegħu lil PBS qabel ma jitqies li jkun ġie ntavolat kif jeħtieġu r-regolamenti. Mill-ittra mibgħuta mill-Awtorità tax-Xandir lill-Partit Nazzjonalista fis-17 ta' Jannar 2022 ma jirriżultax li l-Awtorità tax-Xandir ħadet xi ħaġa minn dan in konsiderazzjoni meta ddeċidiet li ma tinvestigax il-fatti li tressqu a konjizzjoni tagħha mill-Partit Nazzjonalista.

43. Il-Qorti tqis ukoll li għandu raġun il-Partit Nazzjonalista li l-Awtorità tax-Xandir kienet żbaljata fil-liġi meta rrifjutat it-talba tiegħu biex tgħaddilu l-iskeda tar-reklamar tal-Gvern għaliex "l-Awtorità mhiex l-istituzzjoni kompetenti sabiex tottjeni din l-informazzjoni." Skont l-artikolu 15 tal-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta l-Awtorità tax-Xandir għandha s-setgħa li tordna li tingħata dak it-tagħrif li l-Awtorità tista' teħtieġ b'mod raġonevoli għall-finijiet tat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u għall-adempiment xieraq ta' kull dmir ieħor jew funzjoni oħra msemmija fil-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkonsidrat li l-Awtorità tax-Xandir ġiet infurmata li l-PBS kienet qiegħda mhux biss tirrifjuta li timplimenta b'mod xieraq l-ordni tal-Awtorità tax-Xandir iżda talli

li b'dan il-mod kienet qed tkompli taggrava l-iżbilanċ li kien ġie kkonstatat mill-Awtorità tax-Xandir stess, il-ksib ta' tagħrif dwar l-iskeda ta' reklamar tal-Gvern kien wieħed raġonevoli għall-finijiet tat-twettieq tal-funzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir imposti fuqha mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk l-Awtorità tax-Xandir kienet ferm żbaljata fil-liġi meta wieġbet lil Partit Nazzjonalista li ma kinitx l-istituzzjoni kompetenti biex tikseb dan it-tagħrif.

44. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel talba attriċi wara li kkonsidrat li l-Partit Nazzjonalista naqas milli jagħmel ilment ulterjuri dwar l-aġir tal-PBS in konnessjoni mar-reklamar tal-Budget. Mill-atti jirriżulta b'mod ċar li l-Awtorità tax-Xandir kellha s-setgħa u anzi d-dmir li tinvestiga jekk il-PBS kinitx qed tobdi fedelment l-ordnijiet mogħtija minnha sabiex tirretifika l-iżbilanċ li nħoloq bir-reklamar tal-Gvern dwar il-*budget,* inkluż billi tordna lil PBS li tgħaddilha l-iskeda tar-reklamar tal-Gvern. Jirriżulta però li l-Awtorità naqset milli tagħmel dan, jew għax ma fehmitx sew l-obbligi mposti fuqha mil-liġi jew għax sempliċiment kienet qed tirrifjuta mingħajr raġuni valida milli taqdi l-istess. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ikkonsidrat li ftit tax-xhur qabel kien diġà hemm inċident fejn il-PBS injorat ordni mogħti mill-Awtorità tax-Xandir tant li l-Awtorità tax-Xandir kellha tintervjeni, tagħmel proċess aġġudikattiv ieħor u tagħti deċiżjoni dwar l-intransiġenza tal-PBS, l-Awtorità tax-Xandir aktar u aktar kellha tara li tissorvelja strettament l-aġir

tal-PBS biex tiżgura t-twettieq tal-ordnijiet tagħha mill-PBS. Minflok, mhux biss l-Awtorità appellata ma għamlet l-ebda sorveljanza jew investigazzjoni *ex officio,* iżda talli warrbet dan l-ilment fuq il-pretest li ma kienx sar eżattament skont ir-regolamenti u li ma kienx il-kompitu tagħha li tottjeni l-informazzjoni mitluba, żewġ konklużjonijiet li kif diġà ġie kkonsidrat minn din il-Qorti kienu żbaljati fil-liġi. Minħabba dan in-nuqqas tal-Awtorità tax-Xandir il-preġudizzju li seta' ġie kkawżat lil Partit Nazzjonalista minħabba l-aġir tal-PBS ma ġie qatt indirizzat u wisq anqas rimedjat b'mod tempestiv. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel talba attriċi kellha tiġi milqugħa *in toto* u għalhekk ser tirriforma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan is-sens.

45. Fir-rigward tal-PBS, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Awtorità tax-Xandir li t-twettieq tal-ordnijiet mogħtija lil PBS hija kwistjoni li ma tistax tiġi determinata mill-Qrati peress li ma ġietx ventilata quddiem l-Awtorità tax-Xandir fejn iż-żewġ partijiet kienu jiġu mogħtija l-opportunita li jressqu l-verżjoni tal-fatti tagħhom u għaliex hija l-Awtorità tax-Xandir li hija fl-aħjar pożizzjoni biex tiddetermina jekk l-ispirtu tal-ordni tagħha ġiex osservat. Ladarba l-Awtorità naqset milli tagħmel xogħolha u tissorvelja t-twettieq tal-ordnijiet mogħtija minnha lil PBS, l-obbligu li tenforza l-Kostituzzjoni jinkombi issa fuq din il-Qorti. Il-PBS hija parti minn din il-kawża u għalhekk, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-Awtorità appellata, kellha l-opportunità li tressaq dawk il-provi kollha li tqis relevanti għall-

kawża u tagħmel is-sottomissjonijiet li tqis opportuni, bħal kull parti oħra fil-kawża.

46. Minn eżami tal-provi prodotti in atti jirriżulta fondat l-ilment tal-Partit Nazzjonalista li l-ispirtu tar-rimedju mogħti mill-Awtorità tax-Xandir fir-rigward tar-reklami dwar il-Budget 2022 ġie tista' tgħid kompletament innewtralizzat billi bdew jixxandru żewġ reklami oħra dwar il-budget. Ma hemm bżonn l-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni biex wieħed jikkonkludi li dawn imorru kontra l-ispirtu tal-ordni tal-Awtorità tax-Xandir, li ngħata proprju sabiex jintlaħaq bilanċ bejn iż-żewġ partiti politiċi fuq l-istazzjon tax-xandir nazzjonali. Dawn ir-reklami addizzjonali dwar il-*Budget* terġa' u tgħid ġew mxandra eżatt qabel u eżatt wara r-reklami tal-Partit Nazzjonalista b'mod illi m'hemmx dubju li l-messaġġ tar-reklami tal-Partit Nazzjonalista ġie minimizzat. Għaldaqstant il-PBS kienet qed tikser manifestament u b'mod flagranti l-obbligi tagħha għaliex ma kinitx qed tobdi fedelment l-ordni mogħti lilha mill-Awtorità tax-Xandir, u minn dan isegwi li t-tieni talba attriċi kellha tintlaqa' *in toto* u mhux in parte.

47. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**It-Tieni Aggravju**

48. Permezz ta' dan l-aggravju l-Partit Nazzjonalista jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li ma kienx hemm ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex kienet hija stess li qiegħda hemm biex tagħti rimedju. Jargumenta li l-fatt li l-Qorti tista' tagħti rimedju ma jfissirx li l-Awtorità tax-Xandir, bħala korp kostituzzjonali, m'għandhiex hi wkoll obbligu li tagħti rimedju effettiv għall-ilmenti mressqa minnu. Jargumenta li dan huwa aktar u aktar meta l-Ewwel Qorti stess ikkonsidrat li ma kinitx f'qagħda li tipprovdi rimedju sħiħ għaliex jekk id-dritt ta' tweġiba jingħata meta jkun għadda ż-żmien qajla jkollu effett, u wkoll li l-Ewwel Qorti stess iddikjarat li lanqas ma tista' tagħti *restitutio in integrum* li kien ikun li l-iżbilanċ jiġi ndirizzat minnufih. Jargumenta li l-Awtorità tax-Xandir għandha obbligu legali li tara li r-rimedju li tagħti jkun wieħed effettiv, u li ladarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li r-rimedju mogħti mill-Awtorità ma kien rimedju xejn, mela wisq anqas kien rimedju effettiv. Jilmenta wkoll dwar id-danni non-pekunarji akkordati mill-Ewwel Qorti u jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li fir-rigward tan-nuqqas tal-PBS li jottempera ruħu mal-ordnijiet tal-Awtorità tax-Xandir fuq il-każ tal-Flyover u fuq ir-reklami tal-Budget l-Awtorità tax-Xandir kellha s-setgħa li timponi multa ta' €10,252 fuq iż-żewġ każijiet, u għaliex din is-somma kellha tkun il-minimu impost mill-Ewwel Qorti li kull parti li nstabet li kkommettiet ksur tad-dritt tal-libertà u diskriminazzjoni.

49. L-Awtorità tax-Xandir twieġeb li qajla wieħed jifhem x'inhu l-ilment li għalih il-Partit Nazzjonalista irid rimedju. Targumenta li jekk ir-rimedju qiegħed jiġi mitlub għal fatt li d-direttiva tagħha ma ġietx eżegwita mill-PBS huwa evidenti li l-attur seta' u kellu jaġixxi billi jagħmel ilment lilha, u jekk il-mod kif id-direttiva ġietx esegwita kien jilledi l-ispirtu tal-istess direttiva dan kellu jiġi dibattut formalment wara li jinstemgħu il-partijiet għaliex a tenur tal-Kapitolu 350 il-proċeduri jibdew b'ilment. Issostni li peress li wara l-ittra tal-24 ta' Ottubru 2021 il-Partit Nazzjonalista ma talabx lil Awtorità sabiex tisma' l-ilment tiegħu allura skont ir-regolament 7(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.6 dan kien ifisser li l-ilment kien jitqies abbandunat. Targumenta li fil-każ li dan l-aggravju tal-Partit Nazzjonalista huwa marbut mal-allegat nuqqas tagħha li tagħmel investigazzjoni, huwa evidenti li l-proċedura odjerna mhijiex indirizzata biex tinvestiga jekk u f'liema ċirkostanzi l-Awtorità għandhiex tagħmel investigazzjonijiet indipendenti u jekk dawn l-investigazzjonijiet sarux jew le. Tgħid li meta hija ordnat li jixxandru total ta' ħmistax-il minuta ta' reklami politiċi ta' tletin sekonda kull wieħed mill-Partit Nazzjonalista, il-Partit Nazzjonalista m'opponiex din id-deċiżjoni u anzi issokkomba għaliha billi pprovda r-reklami li kellhom jixxandru.

50. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fl-aħħarnett ir-rikorrent jallega ksur tal-Art. 13 li jesiġi li kull vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali għandu jkollu rimedju effettiv quddiem

> Awtorità` nazzjonali anke jekk dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qegħdin jaġixxu f'kariga pubblika. Rimedju dan li din il-Qorti qiegħdha hemm biex tagħti. Għalhekk mhux se jkun hemm ksur ta' din in-norma."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

51. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ ma ġiex leż id-dritt tal-attur għal rimedju effettiv. Huwa minnu li l-Qrati Kostituzzjonali huma mogħnija bil-poter proprju li jagħtu dak ir-rimedju effettiv li jkun jidrilhom li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn jikkonstataw leżjoni. Però dan ma jfissirx li f'kull każ id-dritt għal rimedju effettiv huwa suffiċjentement salvagwardjat għaliex teżisti l-possibilità li jiġu ntavolati proċeduri kostituzzjonali u li għalhekk l-Istat m'għandu l-ebda obbligi oħra fejn jidħol dan id-dritt.

52. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hemm ċertu każijiet fejn rimedju *ex post facto* ma jistax jitqies bħala rimedju effettiv għall-finijiet tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Lashmankin and others v. Russia** (QEDB, 07/02/2017) il-Qorti Ewropea rrilevat hekk :

> "*…the Court has already observed that the notion of an effective remedy implies the possibility of obtaining a final decision concerning such restrictions before the time at which the assembly is intended to take place. A post-hoc remedy cannot provide adequate redress in respect of Article 11 of the Convention. It is therefore important for the effective enjoyment of freedom of assembly that the applicable laws provide for reasonable time-limits within which the State authorities, when giving relevant decisions,*

> *should act (see Baczkowski and Others v. Poland, no. 1543/06, §§ 81-83, 3 May 2007).”*

53. F’din il-kawża kienet l-Ewwel Qorti stess li kkonsidrat li r-rimedji *ex post* li setgħet tagħti ma setgħux jipprovdu rimedju sħiħ u li lanqas “ma jista’ jingħata r-*restitutio in integrum*; li kien ikun li l-iżbilanċ jiġi ndirizzat minnufih.” Għalhekk kienet l-Ewwel Qorti stess li effettivament ikkonsidrat li r-rimedju li seta’ jiġi mogħti minnha ma setax ikun wieħed effettiv minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan anke minkejja li appuntat il-kawża b’urġenza, partikolarment peress li laħqet saret l-elezzjoni qabel ma ġiet deċiża l-kawża. Għalkemm huwa ċar li dan ma kien bl-ebda nuqqas tal-Ewwel Qorti, li evidentement semgħet u ddeċidiet din il-kawża bi speditizza lodevoli, jibqa’ l-fatt li minħabba n-natura tal-leżjoni sofferta mill-attur huwa ma rċeviex rimedju effettiv għall-finijiet tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Partikolarment fir-rigward tal-ilment tal-Partit Nazzjonalista dwar il-mod kif il-PBS wettqet l-ordni tal-Awtorità tax-Xandir fir-rigward tar-reklamar dwar il-*budget,* żgur li ma jistax jingħad li l-Partit Nazzjonalista rċieva rimedju effettiv f’dan ir-rigward minkejja li mill-atti jirriżulta li kellu *arguable claim* f’dan ir-rigward. Dan peress li kif diġà ġie kkonsidrat fir-rigward tal-aggravju preċedenti l-Awtorità tax-Xandir irraġonevolment irrifjutat li tinvestiga l-informazzjoni/ilment li ġie mressaq a konjizzjoni tagħha mill-Partit Nazzjonalista bil-pretest li kienet qed issegwi l-liġi *ad letteram*, meta skont il-liġi mhux biss kellha s-setgħa li tiddispensa mill-osservanza tal-ħtiġijiet proċedurali imposti mil-liġi

sussidjarja fir-rigward tal-proċedura li trid tiġi segwita meta jsir ilment, iżda talli kellha d-dover skont il-Kostituzzjoni li taġixxi bħala *watchdog* u għaldaqstant taġixxi *ex officio* biex tassigura t-twettieq tal-ordnijiet tagħha u ż-żamma ta' imparzjalità xierqa fuq il-mezzi tax-xandir. Kien minħabba dan it-tkaxxir tas-saqajn tal-Awtorità tax-Xandir u r-rifjut tagħha li taqdi d-doveri imposti fuqha mill-Kostituzzjoni li wassal sabiex dan l-ilment tal-Partit Nazzjonalista lanqas biss ġie nvestigat, u wisq anqas determinat u kieku kien il-każ rimedjat, qabel l-elezzjoni tal-2022.

54. Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-ilment tal-Partit Nazzjonalista li huwa sofra ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju xieraq kif sanċit permezz tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa fondat, u għal dan il-ksur hija responsabbli l-Awtorità tax-Xandir.

55. Fir-rigward ta' dik il-parti tal-aggravju tal-Partit Nazzjonalista li titratta l-kumpens non-pekunarju li ġie akkordat mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel li dan il-kumpens huwa baxx wisq fiċ-ċirkostanzi. Dan ikkonsidrat li:

i. Fir-rigward tax-xandir dwar il-*flyover* il-PBS kienet ġiet immultata €4,660 talli irrifjutat li tobdi l-ordni tal-Awtorità tax-Xandir, iżda din il-multa kienet ġiet sospiża mill-istess Awtorità wara li l-PBS finalment obdiet l-ordni tal-Awtorità minkejja li l-

Awtorità ma kellhiex il-poter legali li tissospendi din il-multa għaliex skont il-liġi d-deċiżjoni kienet finali;

ii. Ftit tax-xhur biss wara li l-PBS ġiet iċċensurata mill-Awtorità minħabba nuqqas li żżomm l-imparzjalità meħtieġa fix-xandir dwar il-*flyover* il-PBS reġgħet ikkommettiet l-istess nuqqas fir-rigward tax-xandir ta' reklami tal-Gvern dwar il-*budget,* li juri disprispett manifest lejn id-demokrazija u s-saltna tad-dritt;

iii. Mill-atti tirriżulta intransiġenza rraġonevoli min-naħa tal-Awtorità tax-Xandir fit-twettiq tad-doveri Kostituzzjonali tagħha, li b'mod partikolari wasslet sabiex il-Partit Nazzjonalista jkun imċaħħad minn rimedju effettiv għal-lanjanzi tiegħu.

56. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis li l-kumpens non-pekunarju dovut mill-Awtorità tax-Xandir u l-PBS għandu jkun ta' €5,000 kull wieħed u mhux €1,500 kull wieħed kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

**It-Tielet Aggravju**

57. Peress li dik il-parti tal-aggravju tal-Partit Nazzjonaista li tirrigwarda l-pożizzjoni tal-Avukat tal-Istat diġà ġiet ikkonsidrata minn din il-Qorti aktar 'il fuq, f'dan il-punt il-Qorti ser tkun qed tikkonsidra biss dik il-parti ta' dan l-aggravju li tirrigwarda r-responsabbilità tal-Ministru responsabbli mix-Xandir.

58. Il-Partit Nazzjonalista jargumenta li ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-Ministru responsabbli mix-Xandir mhuwiex responsabbli għall-akkadut u jargumenta li l-Ministru għandu l-obbligu li jara li l-liċenzjat tal-Gvern josserva l-kondizzjonijiet tal-liċenzja minnu maħruġa u li l-istess liċenzjat josserva l-obbligi kostituzzjonali u legali. Isostni li hemm rabta kuntrattwali bejn il-Gvern, b'responsabbilità diretta tal-Ministru responsabbli għax-Xandir Pubbliku, u l-Public Broadcasting Services, kif stipulat fil-liċenzja ta' Frar 2013 u ta' Settembru 2021, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 u l-Artikolu 9 tal-Liċenzja. Isostni li dawn iż-żewġ artikoli joħolqu mhux biss rabta kontrattwali iżda wkoll obbligi rispettivi tal-PBS u tal-Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, u ċjoè li l-PBS għandha tosserva d-direzzjonijiet kollha tal-Awtorità tax-Xandir b'mod spedjenti filwaqt li l-Ministru għandu l-obbligu li jara li l-liċenzjat jimxi mal-obbligi naxxenti mil-liċenzja. Jargumenta li għalhekk il-Ministru kellu l-obbligu li joffri rimedju lil Partit Nazzjonalista meta l-PBS Limited naqset milli timxi mal-ordni tal-Awtorità, fatt li kien fid-dominju pubbliku, u għalhekk irid tal-inqas jirrispondi għat-talbiet numru 7, 8, 9 u 10.

59. Il-Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku jwieġeb li hija l-Awtorità tax-Xandir li hija vestita bil-funzjoni Kostituzzjonali li tassigura li l-PBS tosserva l-obbligi legali u kostituzzjonali tagħha u huwa ma jistax jindaħal fl-operat tal-PBS jew dwar x'għandu jew m'għandux ixandar.

60. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Ministru Carmelo Abela, li kien Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku, ukoll eċċepixxa li mhux leġittimu kontradittur. Ma kellu, u lanqas seta' kellu, 42is sir42ent fl-operat tal-Awtorità`, li ma kinitx taqa' taħt id-dikasteru tiegħu. L-uniku nvolviment kien li jagħti l-liċenzja lill-PBS skont il-liġi. Dan iżda ma jawtorizzahx jindaħal fl-operat tal-PBS, li huwa rregolat mhux minnu, imma mill-Awtorità`. Din l-eċċezzjoni tal-Ministru hija waħda fondata u għalhekk sejra tiġi milqugħa wkoll."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

61. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. Għalkemm huwa minnu li waħda mill-kondizzjonijiet tal-liċenzja tal-PBS hija li taderixxi ruħha mal-ordnijiet tal-Awtorità tax-Xandir u li tirrispetta l-liġi u l-Kostituzzjoni dan ma jfissirx li l-Ministru responsabbli huwa leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Minn qari tar-rikors promotur tal-attur jidher li l-attur ibbaża l-kawża tiegħu fuq (i) l-aġir tal-PBS li għamlet xi xandiriet propagandistiċi, naqset milli żżomm l-imparzjalità meħtieġa fuq is-servizz ta' xandir pubbliku televiżiv u sussegwentement naqset milli tobdi ordnijiet mogħtija lilha mill-Awtorità tax-Xandir u (ii) n-nuqqas tal-Awtorità tax-Xandir li taġixxi bi speditezza biex tirrimedja s-sitwazzjoni li nħolqot mill-PBS u biex tieħu passi kontra tagħha meta din naqset milli tesegwixxi l-ordnijiet tagħha u n-nuqqas tal-Awtorità tax-Xandir li tissorvelja u tħares l-imparzjalità u l-bilanċ tax-xandir minn jeddha. Għalhekk mill-premessi tar-rikors promotur tal-Partit Nazzjonalista jirriżulta li meta intavola dawn

il-proċeduri l-ilment tiegħu ma kienx assolutament ibbażat fuq xi nuqqas tal-Ministru responsabbli li jieħu passi kontra l-PBS minħabba ksur ta' obbligi kuntrattwali. M'hemmx dubju li la l-Ewwel Qorti ma setgħet u lanqas din il-Qorti ma tista' tibdel il-binarji tal-azzjoni intavolata mill-Partit Nazzjonalista fir-rigward tal-Ministru responsabbli mix-Xandir. Apparti dan skont l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 il-Ministru ma huwiex leġittimu kontradittur.

62. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Ir-Raba' Aggravju u l-Appell Inċidentali tal-Avukat tal-Istat**

63. Peress li r-raba' aggravju tal-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista u l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat it-tnejn jitrattaw il-kap tal-ispejjeż il-Qorti ser tqishom flimkien.

64. Il-Partit Nazzjonalista jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li għandu jħallas kwart tal-ispejjeż għaliex l-insenjament kostanti tal-Qorti Ewropea huwa li f'każ ta' sejbien ta' mill-inqas leżjoni waħda, anke jekk ma jiġux milqugħa t-talbiet kollha, l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-parti li tkun instabet ħatja ta' ksur tad-drittijiet. Jargumenta li huwa m'għandu jsofri l-ebda spejjeż meta nstab li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu, u jgħid li huwa kontradittorju li l-Ewwel

Qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu danni mhux pekunarji iżda mbagħad ordnatlu jħallas kwart mill-ispejjeż.

65. L-Avukat tal-Istat iwieġeb li ġaladarba l-Ewwel Qorti ċaħdet uħud mit-talbiet tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll laqgħet l-eċċezzjoni li l-Avukat tal-Istat u l-Ministru responsabbli mix-Xandir Pubbliku mhumiex il-leġittimi kontradittturi ċertament li l-Partit attur kellu jġorr parti mill-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat li huwa ħarrek bla bżonn.

66. L-Avukat tal-Istat jilmenta li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas spejjeż meta l-Ewwel Qorti qablet li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Jargumenta li la huwa ġie mħarrek bla bżonn ċertament ma kellux jiġi kkundannat iħallas xi spejjeż u anzi kellu jkun il-Partit attur li jħallas l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat. Isostni li ladarba l-Ewwel Qorti sabet li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni jsegwi li ma setax jiġi kkundannat iħallas xi spejjeż tal-kawża għaliex skont l-Artikolu 223(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-parti telliefa li għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż, u huwa mhuwiex parti telliefa f'din il-kawża.

67. Il-Partit Nazzjonalista jwieġeb li l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-parti li tkun instabet ħatja ta' ksur ta' drittijiet u għalhekk huwa m'għandux iħallas xi spejjeż ġudizzjarji f'din il-kawża.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

68. Fir-rigward tal-aggravju tal-Partit Nazzjonalista, il-Qorti tirrileva li permezz ta' din is-sentenza ser tkun qed tiġi riformata s-sentenza appellata b'mod illi ser tkun biss ir-raba' talba attriċi li ser tkun qed tiġi miċħuda. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis għalhekk il-Partit Nazzjonalista m'għandux jiġi kkundannat iħallas parti mill-ispejjeż tal-konvenuti ladarba jirriżulta li l-ilment tiegħu huwa kważi interament fondat.

69. Dan però ma jfissirx li l-Partit Nazzjonalista m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat li ġie mħarrek ta' xejn f'dawn il-proċeduri. L-Avukat tal-Istat għandu raġun fl-aggravju tiegħu li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas xi spejjeż f'dawn il-proċeduri ladarba mhuwiex il-leġittimu kontradittur. L-ispejjeż tal-Avukat tal-Istat għandhom jitħallsu mill-Partit Nazzjonalista ladarba ħarrku għalxejn f'dawn il-proċeduri

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. Tiċħad l-appell prinċipali tal-Awtorità tax-Xandir bl-ispejjeż kontra tagħha, u peress li dan l-appell kien manifestament frivolu u vessatorju tikkundanna lill-Awtorità tax-Xandir sabiex tħallas l-ispejjeż għal darbtejn;

ii. Tiċħad it-tielet aggravju tal-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista filwaqt li tilqa' l-bqija tal-aggravji, u tilqa' wkoll l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi:

   a. Tilqa' l-ewwel talba u t-tieni talba attriċi in toto u mhux in parte;

   b. Tordna lill-Public Broadcasting Services Limited u lill-Awtorità tax-Xandir sabiex iħallsu lil Partit Nazzjonalista is-somma ta' ħames'elef ewro (€5,000) kull wieħed bħala danni non-pekunarji minflok is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) kull wieħed ordnati mill-Ewwel Qorti;

   c. Tordna li l-ispejjeż kollha tal-Avukat tal-Istat tal-prim'istanza jitħallsu mill-Partit Nazzjonalista, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż tal-prim'istanza jitħallsu kollha mill-konvenuti l-oħra.

L-ispejjeż kollha tal-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista jitħallsu in kwantu għal kwint minnu u in kwantu għal erba' kwinti mill-Awtorità tax-Xandir, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat jitħallsu kollha mill-Partit Nazzjonalista.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr